MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 8/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Grima talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Marzu 2000 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-

droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi George Grima jhallas l-ispejjz li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, ir-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31, ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985, sabet lill-imsemmi George Grima hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400) liema multa tista' tithallas b'rati mensili ta' Lm40 fix-xahar bl-ewwel pagament jithallas erba' gimghat mid-data tas-sentenza, filwaqt li ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 peress li l-espert tqabbad waqt l-inkjesta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi George Grima pprezentat fis-27 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu din tikkoncerna r-reat ta' pussess ta' droga kokaina u tat-tieni imputazzjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn ghar-rigward l-ewwel imputazzjoni, l-ewwel Qorti ddikjarat li l-pussess ta' droga kokaina kien f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u konsegwentement tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jikkonsistu fil-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u erroneju tal-provi u tal-mod kif interpretat il-gurisprudenza dwar l-aggravju tal-pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv.

L-appellant isostni illi bil-mod zbaljat ta' kif l-ewwel Qorti interpretat il-gurisprudenza dwar l-aggravju tal-pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv, dik il-Qorti bazikament spustjat l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat. Dan huwa legalment skorrett u, skond l-appellant, huwa rifless fis-sentenza citata mill-ewwel Qorti stess **Il-Pulizija v. Carmel Degiorgio**. L-appellant jghid:

"Tali spustament huwa kjarament rifless fil-paragrafu 34 tas-sentenza appellata. Is-sentenza ta' Carmel Spiteri bl-ebda mod u taht l-ebda cirkostanza ma tista' qatt tigi interpretata li l-oneru tal-prova huwa spustjat fuq id-difiza. Dana huwa bir-rispett zball tal-ligi li huwa kardinali u li a bazi tieghu l-ewwel Qorti bbazat u sejset il-konsiderazzjonijiet kollha taghha b'mod illi konsegwentement ghamlet l-enuncjazzjoni zbaljata u konsegwentement erronejament sabet il-htija.

F'dar-rigward issir referenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u cioe`: "Fil-fehma tal-Qorti l-ammont involut huwa kbir u huwa cirkostanza cara li kien pussess aggravat la ma nghatat ebda spjegazzjoni (**li tista' titwemmen**) mill-imputat, fuq bazi ta' probabilita` biss, kif kien sar fil-kaz 'Il-Pulizija vs Carmel Spiteri, Appell Numru 307/98, Qorti ta' l-Appell Kriminali'." Ghalkemm forsi l-ewwel Qorti ma kinitx ghal kollox preciza fil-mod kif impustat il-posizzjoni legali, din il-Qorti tifhem li dak li riedet tfisser l-ewwel Qorti hu li hija kienet sodisfatta mill-prova migjuba mill-prosekuzzjoni dwar l-ammont ta' kokaina maqbuda li kien hemm pussess aggravat. L-appellant, imbaghad, ma rnexxilux l-anqas fuq bazi ta'

probabilita` jikkonvinci lil dik il-Qorti li fil-fatt id-droga kienet intenzjonata ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-pozizzjoni legali fil-fatt hi din: Il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. Meta l-ammont ta'droga tkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Izda jekk il-pussessur jikkontesta dan, jigifieri jallega li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu, irid fuq bazi ta' probabbilta` igib il-provi biex isostni d-difiza tieghu.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-mod kif l-ewwel Qorti skartat ix-xiehda ta' l-Ispizjar Mario Mifsud. Jghid:

"Hekk ukoll huwa bir-rispett legalment skorrett dak li ghamlet l-ewwel Qorti fejn skartat ix-xiehda moghtija in kontro-ezami mill-Ispizjar Mario Mifsud. Apparti l-fatt li n-nomina tal-Ispizjar Mifsud kienet wahda generika, kieku tali prova mhijiex ammissibbli l-ewwel Qorti kellha d-dover li twaqqaf lid-difiza milli tkompli taghmel tali domandi u tinvitaha tirregola l-posizzjoni u mhux tammetti tali domandi mbaghad fis-sentenza tiddikjara li sejra tiskarta r-risposti moghtija. Tabilhaqq, molto piu` messha ghamlet hekk jekk ikkonkludiet, kjarament erronejament, li f'dawn it-tip ta' imputazzjonijiet hemm spostament tal-oneru tal-prova."

Filwaqt illi dak li qalet l-ewwel Qorti huwa fattwalment korrett, u cioe` li l-Ispizjar Mifsud ma kienx gie nominat biex jezamina lill-appellant, li t-twegibiet tieghu dwar il-mod kif tigi kkunsmata d-droga huma generici, u li dawn it-twegibiet ma jistghux jittiehdu bhala prova dwar kemm kien jikkonsma kokaina l-appellant, mill-banda l-ohra t-twegibiet ta' l-Ispizjar Mifsud jistghu jittiehdu bhala prova li ssahhah jew le xi fatti ohra rizultanti mill-provi.

Dwar l-apprezzament tal-fatti l-appellant jaghmel xi premessi dwar il-funzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni fejn jissottometti li l-kriterji mhumiex rigidi bhal fil-kaz ta' appelli minn verdetti tal-gurati fil-Qorti Kriminali. Jghid illi kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq apprezzament ta' provi l-mansjonijiet ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) huma aktar wiesa' u hekk jehtieg li jigu applikati stante li l-legislatur ma llegislax bhalma ghamel fir-rigward ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali wara verdetti tal-gurija.

F'dar-rigward din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa sufficjenti illi tirreferi ghal dik li hija ormai gurisprudenza kostanti fir-rigward ta' apprezzament tal-provi li tkun imsejha biex taghmel din il-Qorti (Sede Inferjuri), u cioe` li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti <u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess</u> biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, dwar l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, l-appellant jghid li l-ewwel Qorti essenzjalment sabet htija ghax ma emmnitx il-verzjoni ta' l-appellant u ghax hasset

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

li l-ammont involut huwa kbir. Jirreferi ghal xi konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghal din il-konkluzjoni, fosthom li kkummentat ripetutament li ma kinitx qed temmen il-verzjoni moghtija mill-appellant fl-istqarrija, ir-referenza li ghamlet ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Stephen Abela** moghtija fit-18 ta' Awissu 2005 u li l-appellant iddikjara li l-verzjoni li kien ta waqt l-interrogazzjoni kienet inveritjera "meta kien ippressat fil-kontro-ezami".

L-appellant jghid li dan huwa legalment u fattwalment skorrett u jispjega hekk fir-rikors ta' appell:

"L-esponent, irrispettivament mis-sentenza citata, kif appena ha l-pedana tax-xhieda, stqarr illi huwa ma kienx qal il-verita` meta interrogat. Dana ghamlu fil-kors tal-*examination in chief* li sarlu u ma kenitx xi *after thought* ghax 'ippressat (*sic!*) fil-kontro-ezami'.

Hawnhekk jigi sottomess li l-ewwel Qorti qieghda bir-rispett kollu taghmel analizi selettiv tal-provi b'mod illi qieghda tinsinwa li l-esponent fil-kors tal-*examination in chief* ma qalx il-verita`. Tali selettivita` hija, bir-rispett, mod skorrett u ezami zbaljat tar-rizultanzi processwali.

Hekk ukoll hija zbaljata d-deduzzjoni gratwita u legalment skorretta maghmula mill-ewwel Qorti dwar il-fatt li l-informazzjoni ricevuta kienet tirrigwarda l-imputat. Tali deduzzjoni mhux biss mhijiex sorretta mill-provi izda hija sahansitra konkluzjoni legalment skorretta stante li huwa altroche` pacifiku x'import ghandha tinghata lill-informazzjoni li titwassal lill-Pulizija fi proceduri penali.

Hekk ukoll l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet obiter li wassluha tiddeciedi li ssib htija kkummentat li l-fatt li l-esponent stqarr li kien ghadu tifel mhijiex verita` essendo li dana huwa kontradett mic-certifikat tat-twelid.

Illi bir-rispett kollu dana huwa argument puerili stante li l-espressjoni grammatikali 'gahdu tifel' ghandha sinifikat lingwistiku ovvju u car. Kjarament ir-riferenza mhijiex ghall-eta` izda ghal-livell ta' maturita` u responsabbilta`

milhuqa minkejja dik l-eta`. Dak pero` li huwa lingwistikament ovvju ntuza mill-ewwel Qorti bhala spunt biex l-esponent jigi skreditat.

Hekk ukoll il-kummenti maghmula dwar il-prezz u l-bank huma kummenti gratuwiti, mhux imsejsa fuq ebda konsiderazzjonijiet fattwali, mhux konfortati mir-rizultanzi processwali u fuq kollox nieqsa minn kull sens ta' konoxxenza ta' kif jigru l-affarijiet fid-dinja tad-droga.

L-esponent ma jistax ma jistaqsix ghaliex il-Qorti ma tistax temmen li l-ammont ta' kokaina jista' jkun attribwit ghal xi prezz baxx fenomenali li sab fis-suq? X'hemm stramb dwar dan? Il-prezz tal-kokaina huwa jew mhuwiex kundizzjonat mill-fatturi tas-suq? Il-prezz tal-kokaina huwa jew mhuwiex riflessjoni ukoll tal-ammont li jkun nxtara? Possibbli hemm xi hadd li jahdem, b'xi mod, fil-qasam tad-droga li dana l-fatt elementari ma jafux? U l-bank x'ghandu x'jaqsam? Min semmieh il-bank u f'dan kollu f'hiex jidhol? Min pero` mhuwiex intiz fil-qasam tad-droga u allura dawn il-fatti ma jafhomx wasal biex konsegwentement jikkonkludi li allura dak li ntqal nhuwiex minnu u ergo tirrizulta r-responsabbilta` penali anki rigward dana l-aggravju tar-reat ta' pussess tad-droga.

Jigi sottomess ukoll li l-analogija maghmula bejn il-50 pillola ecstasy u l-hamsin gramma eroina hija *toto caelo* analogija rrilevanti, zbaljata u ukoll indikattiva ta' nuqqas ta' konoxxenza dwar aspetti relatati mad-droga. Apparti li f'dan il-kaz l-ammont misjub kien ta' hames grammi u mhux hamsin, huwa pacifiku li l-ecstasy tinbiegh u titqassam b'mod kompletament differenti mill-kokaina. Is-sachets jintuzaw fil-bejgh tal-kokaina ghax din tikkonsisti fi trab u tinbiegh gramma/ gramma mentri l-ecstasy hija pillola li tinbiegh wahda/wahda u proprju minhabba f'hekk il-boroz/sachets m'ghandhomx x'jaqsmu xejn fil-kaz ta' spacc ta' ecstasy.

Illi tabilhaqq l-esponent ma jistax ma jistqarrx illi huwa jhoss li hija haga stramba li wiehed jispjega dan ghaliex dan huwa pacifiku. Dana minkejja pero` dak li huwa car

ghal kulhadd jidher li mhuwiex daqshekk car ghall-ewwel Qorti.

Hekk ukoll l-analogiji maghmula ma’ pajjizi esteri huma, bir-rispett, analogiji li huma totalment irrilevanti. Dana r-reat in dizamina mhuwiex bbazat fis-sistema guridika taghna fuq l-istatistika. Di piu` x’jaghmlu gurisdizzjonijiet ohra hija xi haga li tikkoncerna lil dawk il-gurisdizzjonijiet fejn jezistu konsiderazzjoni socjali, politici, storici u guridici ferm diversi mill-posizzjoni nostrali.

Di piu` u fuq kollox, fin-nuqqas ta’ menzjonament dwar is-sors ta’ dana ‘l-istudju komparattiv’, kull kumment iehor ikun superfluwu b’mod illi kwalsiasi valur li wiehed jista’ jaghti lill-istess huwa serjament imdghajjef.

Min ikun jabbuza mid-droga, bhalma wara kollox min ipejjep, jaf li biex tieqaf minn tali vizzju jehtieg volonta` u rieda li tieqaf u xejn aktar. Ghajnuna minn agenziji tista’ tfittex kemm trid izda mankanti l-volonta` u r-rieda li tieqaf kull ghajnuna tkun biss hela ta’ zmien. B’hekk bir-rieda u l-volonta` wiehed jista’ jieqaf wahdu minghajr l-ghajnuna u f’dana ma hemm xejn stramb. Tabilhaqq bosta huma n-nies li qatghu xi vizzju minghajr ghajnuna. Konsegwentement il-konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-imputat ma tax spjegazzjoni kif heles mill-problema hija wkoll, bir-rispett, konkluzjoni gratuwita li tirrispekkja nuqqas ta’ konoxxenza ta’ x’jigri fid-dinja tad-droga.”

Dwar il-kontradizzjoni bejn dak li l-appellant qal waqt l-interrogazzjoni u dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti, effettivament waqt l-*examination in chief* l-appellant mill-ewwel ta verzjoni differenti minn dik li kien ta waqt l-interrogazzjoni u, meta l-avukat tieghu rreferieh ghall-verzjoni li kien ta waqt l-interrogazzjoni, wiegeb: *“Imma dak iz-zmien kont ghadni tifel hux. Qed nghidilkom il-verita`”* Imbaghad mistoqsi ghaliex ma qalx ezattamemnt minn fejn kien gab id-droga dak iz-zminijiet, wiegeb: *“Ghax ma ridtx nidhol fi trouble u hekk.”* In kontro-ezami rriafferma li kien gideb waqt l-interrogazzjoni meta qal li

kien sab id-droga f'kaxxa tas-sigaretti u li kien qed jghid il-verita` fix-xiehda tieghu.

Dwar l-informazjoni li setghet waslet ghand il-Pulizija b'mod anonimu, dak li jkun intqal mill-*informer* ma jistax jikkostitwixxi prova la favur u l-anqas kontra persuna. Fi kwalunkwe kaz dak li qal is-Supretendent Neil Harrison kien li huwa kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali "li kien hemm persuna fl-inhawi tal-Mediterranean Conference Centre l-Belt li wisq probabbli kienet fil-pussess ta' xi droga." Jigifieri, dejjem skond ma qal dan ix-xhud, ma kienx hemm persuna partikolari identifikata u, wisq anqas, x'kienet allegatament qieghda taghmel dik il-persuna.

Rigward l-espressjoni li l-appellant uza meta kien qieghed jixhed li kien "ghadu tifel", din il-Qori taqbel perfettament ma' dak li qal l-appellant li l-epressjoni ntuzat fis-sens li kien ghadu mmatur u ma kellhiex tigi interpretata bhala riferenza ghall-eta`.

L-appellant irrefera ghall-bank biss fis-sens li kellu xi haga l-bank, cioe` li kellu xi flus il-bank u ma qalx li mar igib il-flus mill-bank. Fi kwalunkwe kaz ma jistax jitqies inverosimili li jkun gibed il-flus biex jixtri d-droga in kwistjoni. L-anqas ma jista' jitqies li l-prezz li bih l-appellant allegatament xtara l-kokaina kien xi wiehed "fenomenalment baxx".

Kemm il-kwantita` kif ukoll il-mod kif droga tkun stivata, imgezwra, ippakkjata, ecc., huma indikaturi ta' jekk droga tkunx ghall-uzu esklussiv ta' persuna jew mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. In lineja generali jista' jinghad li akbar ma jkun l-ammont aktar ikun verosimili li din ma tkunx ghall-uzu esklussiv ta' persuna. Pero` jista' jkollok ammont konsiderevoli go pakkett wiehed u ammont zghir imqassam f'diversi kontenituri jew pakketti jew qratas u xorta jitqies li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-persuna li ghandu tkun instabet tali droga. Fil-kaz in ezami kien hemm hames grammi go borza wahda. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li dan ma kienx xi ammont irizorju izda galadarba l-ligi taghna – kuntrarjament ghal dik li hi l-posizzjoni f'xi gurisdizzjonijiet kif irreferiet ghalihom l-

ewwel Qorti – ma tiddeterminax *a priori* l-minimu mehtieg biex persuna tkun tista' tinsab hatja ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv taghha, kull kaz irid jigi kkunsidrat wahdu.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha rizultanti hi tal-fehma li mhuwiex inverosimili li l-pakkett li kellu l-appellant kien ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa veru li waqt l-interrogazzjoni qal li kien sab id-droga go pakkett tas-sigarretti, verzjoni li ma kienet xejn attendibbli, izda meta xehed quddiem l-ewwel Qorti insista li l-verita` kienet dik li kien qieghed jixhed, u cioe` li kien ghadu kemm xtara l-pakkett in kwistjoni ghall-prezz ta' Lm150 u li kien xtrah ghall-uzu tieghu. Insista li kien jaghmel uzu regolari mill-kokaina. Inoltre mir-redazzjoni tar-rapport imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri, irrizultaw dettalji precizi dwar l-involviment ta' l-appellant fix-xena tad-droga – id-diversi tipi ta' droga li uza matul is-snin (drogi li b'rieda soda u b'determinazzjoni seta' jieqaf minnhom) mill-ewwel okkazjoni sakemm iddecieda li jieqaf minn dak l-abbuz u tela' jsib ix-xoghol l-Ingilterra – u liema dettalji jaghmlu aktar kredibbli dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti fejn jidher li ukoll zamm lura milli jirrakkonta tali dettalji. Imbaghad aspett pozittiv li rrizulta wara li gie riferut lill-agenzija CARITAS mill-imsemmija ufficjal tal-*probation* hu li testijiet li saru lill-appellant ghall-prezenza ta' drogi rrizultaw fin-negattiv u tnieda pjan sabiex jattendi sessjonijiet individwali ta' *support* fil-gimgha.

F'dawn ic-cirkostanzi l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu dwar l-ewwel imputazzjoni sabet lill-appellant hati ta' l-aggravju li l-pussess tal-kokaina kien f'cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu u in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmien xhur u ghal multa ta' Lm400 li tithallas b'rati mensili ta' Lm40 fix-xahar bl-ewwel pagament jithallas erba' gimghat mid-data tas-sentenza

appellata, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitt liri Maltin (Lm1,100), u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------